MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 94/2014

**GO p.l.c C22334**

**vs.**

**David Vassallo K.I. 454573(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-12 ta’ Frar 2014, illi permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta’ sitt mija u erbgħa u sittin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€664.38), liema ammont huwa in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement *A/C 40066714* li jinkludi servizz ta’ telefon, televiżjoni u internet mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut, wara kuntratt bejn il-partijiet datat 28 ta’ Ġunju 2010.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ippreżentata mis-soċjeta` attriċi fis-26 ta' Settembru 2014, illi permezz tagħha l-ammont minnha pretiż ġie ridott għas-somma ta' ħames mija u erbgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€554.38), liema ammont kellu jkun jaqra ħames mija u erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€544.38) stante pagament ta' mija u għoxrin Ewro fil-mori tad-differiment (€120).

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' ħames mija u erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€544.38), bl-imgħax legali dekorribbli mis-17 ta' Settembru 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 2201/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------